

Brussell, 16 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9451/25
PV CONS 26
COMPET 431
IND 162
MI 337
RECH 246
ESPACE 42
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju))
22 u 23 ta' Mejju 2025

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 8712/25.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

Lista mhux leġislattiva

9041/25

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti COR u REV lingwistiċi kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

SUQ INTERN U INDUSTRIJA

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- 3. Regolament dwar interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema  8659/25 + ADD 1 ta' Informazzjoni tas-Suq Intern għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012**
Approċċ ġenerali

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar ir-Regolament dwar interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012.

Il-Ġermanja, il-Lussemburgu, Spanja, il-Belġju, Franza u l-Italja ppreżentaw dikjarazzjonijiet, kif jinsabu fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġislattivi

- 4. Nagħtu spinta lill-kompetittività - infasslu politiki tal-UE  8647/25 + COR 1 aktar adattati għal industriji tradizzjonalment b'saħħithom**
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni.

5. **Strateġija għas-Suq Uniku**  8654/25
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni u kellu skambju ta' fehmiet.

6. Akkwist pubbliku – għanijiet strateġiċi u t-triq 'il quddiem 8638/25
Dibattitu ta' orjentazzjoni

7. **Il-Kunsill bħala filtru tal-burokrazija – kif jinkisbu**  8649/1/25 REV 1
regolamenti favorevoli għan-negozju matul il-proċess
leġislattiv mill-bidu nett tiegħu
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni.

Affarijiet oħra

8. a) **Proposti leġislattivi attwali** (Deliberazzjoni pubblika  
f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni
Ewropea)
- i) **Regolament dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi** 12976/1/23 REV 1
tranżazzjonijiet kummerċjali
- ii) **Direttiva dwar l-assoċjazzjonijiet transfruntiera** 12800/23
Ewropej
- iii) **Regolament dwar il-liċenzjar obbligatorju għall-** 8901/23 + ADD 1
immaniġġjar tal-kriżijiet u li jemenda r-
Regolament (KE) 816/2006
- iv) **Regolament dwar is-sikurezza tal-ġugarelli** 12234/23 + ADD 1
- v) **Regolament dwar deterġenti u aġenti tensjoattivi,** 8904/23 + ADD 1
li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li
jħassar ir-Regolament (KE) Nru 648/2004
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- vi) **Il-ħtieġa li jitkomplew id-diskussjonijiet dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar privattivi essenzjali standard u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1001**

8655/1/25 REV 1

Informazzjoni miċ-Ċekja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja, il-Portugall, is-Slovakkja, Spanja u l-Ungerija

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja, il-Portugall, is-Slovakkja, Spanja u l-Ungerija.

- b) **Sejħa għal implimentazzjoni rapida tal-Pjan ta' Azzjoni għall-industrija awtomobilistika Ewropea, inkluż appoġġ għall-katina tal-valur Ewropea tal-batteriji**

 8955/25

Informazzjoni minn Franza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza.

- c) **Il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-industrija u l-awtonomija strateġika tal-UE, fil-livell Ewropew u nazzjonali**

 8956/25

Informazzjoni minn Franza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza.

- d) **Skambju ta' informazzjoni – Żieda fid-dazji doganali mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti, b'mod partikolari l-miżuri fis-seħħ biex jiġi stabbilit monitoraġġ u biex jiġu mħarsa r-riskji ta' ridirezzjoni tal-flussi ta' kapaċità żejda lejn is-suq Ewropew**

9053/25

Informazzjoni mill-Belġju u Franza

- e) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mid-Danimarka

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

RIĊERKA

9. **Evalwazzjoni ta' nofs it-term tal-Orizzont Ewropa: tagħlimiet meħuda u nistennew bil-ħerqa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jmiss (FP 10)** 8496/25

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni.

10. **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2025-2027** 8469/25
- (Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 292 TFUE) (*) + ADD 1
- Qbil politiku*

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa 2025-2027.

Il-Bulgarija u l-Ungerija ppreżentaw dikjarazzjonijiet, kif jinsabu fl-Anness.

11. **Konklużjonijiet dwar l-Intelliġenza Artifiċjali fix-xjenza** 8390/25
- Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva t-test tal-konklużjonijiet kif jinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

SPAZJU

12. **Konklużjonijiet dwar l-użu ta' data satellitari, b'mod partikolari minn kostellazzjonijiet ta' osservazzjoni tad-dinja, għall-protezzjoni ċivili u l-maniġġar ta' kriżijiet** 8343/25
- Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva t-test tal-konklużjonijiet kif jinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

13. **Data bbażata fl-ispazju għat-tisħiħ tar-reżiljenza, is-sigurtà u l-maniġġar ta' kriżijiet fl-UE¹** 8344/25
- Skambju ta' fehmiet*

¹ Fil-preżenza tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA).

Affarijiet oħra

Riċerka

14. a) **Is-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran lil hinn mill-2027**

 8794/1/25 REV 1

Informazzjoni mill-Bulgarija, Ċipru, il-Greċja, l-Italja, il-Kroazja, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall, is-Slovenja u Spanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Bulgarija, Ċipru, il-Greċja, l-Italja, il-Kroazja, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall, is-Slovenja u Spanja.

- b) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mid-Danimarka

Spazju

- c) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mid-Danimarka

- d) Spazju għar-reżiljenza, is-sigurtà u l-maniġġar ta' krizijiet²
Informazzjoni mill-Presidenza

8436/25



L-ewwel qari



Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni



Punt li jista' jintalab vot dwaru

² Preżentazzjoni mid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA).

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "B" li jinsabu fid-dokument 8712/25

Dwar il-punt "B"
nru 3:

Regolament dwar interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012
Approċċ ġenerali

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-proposta attwali għal Regolament dwar portal ta' reġistrazzjoni komuni għall-UE kollha għall-postazzjoni tal-ħaddiema abbażi ta' formola standard uniformi, id-dikjarazzjoni elettronika, li l-Istati Membri jistgħu jintroduċu fuq bażi volontarja. Fl-istess ħin, il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja jemmen li huma possibbli aktar aġġustamenti u huma assolutament meħtieġa biex jinkiseb aktar tnaqqis fil-burokrazija u proċessi effiċjenti u moderni.

Il-proposta għal Regolament essenzjalment tingħaqad tajjeb mal-istrategġija tal-UE biex tingħata spinta lill-kompetittività, is-simplifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni. It-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-fornituri tas-servizzi u għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati u protezzjoni soċjali u tad-data, huwa l-għan iddikjarat tal-proposta.

Biex dan jinkiseb, huwa indispensabbli li l-fornituri tas-servizzi bbażati barra mill-Unjoni Ewropea jkunu jistgħu wkoll joħroġu dikjarazzjoni ta' postazzjoni permezz tal-portal ta' reġistrazzjoni komuni għall-UE kollha. Huwa biss f'dak il-mument li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkunu f'pożizzjoni li jaħdmu b'portal wieħed biss fuq perjodu ta' żmien medju. Inkella, mill-perspettiva fit-tul, l-Istati Membri ser ikunu mġiegħla joperaw mill-inqas żewġ portali ta' reġistrazzjoni u b'hekk diversi strutturi: portal wieħed għall-kumpaniji tal-UE u portal ieħor għall-kumpaniji bbażati barra mill-UE. Skont ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Posting of Workers – Collection of data from the prior declaration tools: Reference year 2023" (Il-Postazzjoni tal-Ħaddiema – Ġbir ta' data mill-għodod ta' dikjarazzjoni preċedenti: Sena ta' referenza 2023 - (Traduzzjoni mhux uffiċjali)), dan jista' jaffettwa sa 21 Stat Membru, li kollha kemm huma jirrikjedu dikjarazzjoni ta' postazzjoni minn kumpaniji bbażati barra mill-UE u b'hekk jgħin biex jiġi żgurat, permezz ta' kontrolli effettivi fuq kumpaniji bbażati fi Stati mhux Membri, li dawkl-kumpaniji ma jgawdux minn trattament aktar favorevoli minn kumpaniji bbażati fi Stati Membri oħra.

Sabiex jiġu implimentati l-istrategġiji ta' simplifikazzjoni u diġitalizzazzjoni tal-UE u, permezz tal-Portal mifrux mal-UE kollha, jitnaqqas ukoll il-piż amministrattiv u l-ispejjeż għall-awtoritajiet tal-infurzar, huwa essenzjali li jiġu inklużi d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni minn kumpaniji bbażati barra mill-UE. Fit-terminu medju huwa vitali li tiġi evitata sitwazzjoni fejn żewġ sistemi paralleli joħolqu strutturi duplikati u piżijiet finanzjarji u amministrattivi addizzjonali għall-awtoritajiet tal-infurzar.

Aktar ma jipparteċipaw Stati Membri b'mod volontarju fil-proposta, aktar ikun ta' ġid għall-kumpaniji wkoll. Il-kumpaniji ilhom is-snin jgħidu li l-burokrazija involuta fid-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema hija ostaklu għas-suq uniku għas-servizzi. Is-sistemi differenti ta' dikjarazzjoni fis-27 Stat Membru jgħolqu sfidi konsiderevoli għall-kumpaniji, speċjalment għall-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju. Regoli trasparenti u aktar uniformi għad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni ser ikunu wkoll aktar faċli għall-kumpaniji biex jikkonformaw magħhom. Barra minn hekk, il-ħidma effiċjenti mill-awtoritajiet fl-Istati Membri ser tgħin biex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq uniku u tingħata spinta lill-kompetittività mal-parteeipanti fis-suq ibbażati fi Stati mhux Membri. Fl-istess ħin, id-disponibbiltà tad-data ser titjeb – prekondizzjoni għal deċiżjonijiet ta' politika li jqisu wkoll kumpaniji bbażati barra mill-UE.

Il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja għalhekk jirrakkomanda bil-qawwa li tinstab soluzzjoni għar-reġistrazzjoni ta' fornituri ta' servizzi minn pajjiżi terzi malajr kemm jista' jkun. It-test tar-Regolament għandu jsegwi approċċ aktar ambizzjuż. Il-Gvern Federali jassumi li n-negozjati ulterjuri tat-trilogu ser iqisu din il-kwistjoni."

DIKJARAZZJONI MIL-LUSSEMBURGU

"Il-Lussemburgu jappoġġa bis-siġħ l-isforzi tal-Kummissjoni biex ittejjeb is-suq intern, inkluż permezz tas-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi. Madankollu, il-proposta attwali ma tilħaqx dawn l-oġettivi, u ma tiġġustifikax l-użu tal-Artikolu 114 TFUE.

Fil-forma attwali tiegħu, l-istrument jiddependi fuq il-parteeipazzjoni volontarja tal-Istati Membri u ma jnaqqasx il-frammentazzjoni eżistenti. Fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni u b'kull Stat Membru mogħti l-għażla li jieqaf juża l-istrument fi kwalunkwe ħin, dan saħansitra jikkonsolida l-frammentazzjoni legali attwali u jirriskja li joħloq Suq Uniku b'veloċità multipla.

Il-Lussemburgu huwa konvint li azzjoni konġunta mis-27 Stat Membru hija l-uniku mod biex jintlaħqu l-oġettivi tal-proposta kemm f'termini ta' simplifikazzjoni kif ukoll f'termini ta' approfondiment tas-Suq Uniku.

Minkejja l-isforzi tal-Presidenza, il-Lussemburgu għalhekk ma jistax jappoġġa l-proposta kif inhi."

DIKJARAZZJONI MINN SPANJA

"Spanja taferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tibni suq intern ġust, inklużiv u soċjalment responsabbli.

Fin-negozjati dwar ir-Regolament propost għal interfaċċa komuni Ewropea għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema, Spanja pparteċipat b'mod attiv u kostruttiv, bl-għan li jinstab bilanċ ġenwin bejn is-simplifikazzjoni amministrattiva u l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-ħaddiema.

Spanja ssostni bis-siġħ li l-libertà li jiġu pprovduti servizzi trid tiġi eżerċitata taħt kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta, li tirrikjedi li jiġi żgurat ir-rispett siġħ tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati.

Biex jinkiseb dan, huwa essenzjali li jiġu ppreservati l-kompetenzi nazzjonali fil-qasam tal-kontroll tal-postazzjoni, biex l-Istati Membri jkun jistgħu jimplimentaw mekkaniżmi ta' monitoraġġ imfassla apposta għall-ispeċifikitajiet tas-swieq tax-xogħol tagħhom sabiex tiġi żgurata protezzjoni effettiva f'setturi partikolarment sensitivi.

Il-leġislazzjoni Spanjola, li tittrasponi b'mod rigoruż id-Direttiva 2014/67/UE, tistabbilixxi obbligi ta' informazzjoni speċifiċi dwar il-postazzjoni, imfassla biex jipproteġu gruppi ta' ħaddiema ppostjati li huma partikolarment vulnerabbli.

Spanja tilqa' l-oġettiv li tissaħħa il-kooperazzjoni amministrattiva u li tiġi ffaċilitata l-konformità regolatorja, dment li s-simplifikazzjoni tqis ir-realtajiet nazzjonali, tevita sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' protezzjoni, u tirrispetta l-acquis dwar il-postazzjoni tal-ħaddiema, filwaqt li tippreserva l-livelli attwali ta' rekwiżiti. Jeħtieġ ukoll li tiġi kkunsidrata l-protezzjoni tal-ħaddiema ppostjati minn kumpaniji stabbiliti barra miż-żona tal-UE/ŻEE.

Is-suċċess ta' din l-inizjattiva ser jiddependi ħafna mill-Istati Membri kollha li fl-aħħar mill-aħħar jużaw l-interfaċċa. Biex dan iseħħ, il-formola standard trid takkomoda l-ispeċifikitajiet nazzjonali riflessi fir-regoli nazzjonali ta' traspożizzjoni tad-direttivi, kif ukoll il-ftuħ futur tagħha għal dikjarazzjonijiet magħmula minn kumpaniji stabbiliti f'pajjiżi terzi, li ser itejbu l-utilità Prattika tagħha.

Spanja ser tkompli taħdem b'mod kostruttiv fl-istadji li ġejjin tal-proċedura leġislattiva, bl-għan li tikkonsolida qafas ibbilanċjat li jsahha kemm il-funzjonament tas-suq intern kif ukoll il-mudell soċjali Ewropew."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-BELĠJU, FRANZA U L-ITALJA

"Il-proposta għal regolament dwar dikjarazzjoni elettronika ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni Ewropea bl-għan li jiġu ssimplifikati l-proċeduri tal-kumpaniji meta jiġu ppostjati ħaddiema fi Stat Membru ieħor. Filwaqt li nappoġġaw bis-sħiħ l-oġettiv li tinholq għodda diġitali komuni u volontarja fil-livell tal-UE biex tappoġġa lill-kumpaniji u b'mod partikolari lill-SMEs biex jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-postazzjoni tal-ħaddiema, huwa tal-akbar importanza li nilħqu dan l-oġettiv b'rispett sħiħ tal-acquis tal-UE biex nipproteġu d-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati u niġġieldu l-frodi. Minħabba dak l-acquis, wieħed mill-elementi ewlenin tad-diskussjoni kien li wieħed jiffoka fuq ir-rispett tal-prerogattivi nazzjonali.

Tabilħaqq, l-Istati Membri madwar l-UE kollha jistgħu jkunu f'sitwazzjonijiet differenti ħafna f'dak li għandu x'jaqsam mal-postazzjoni: xi wħud minnhom qed jibagħtu prinċipalment ħaddiema ppostjati, oħrajn prinċipalment qed jirċevuhom, filwaqt li t-tielet kategorija ta' Stati Membri kemm jibagħtu kif ukoll jirċievu ħaddiema ppostjati. F'dak il-kuntest, il-livell ta' rekwiżiti lejn kumpaniji stabbiliti fil-livell nazzjonali jista' jvarja fi ħdan l-UE. Dan jispjega għaliex, fil-qafas tad-Direttiva 2014/67, huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu liema rekwiżiti amministrattivi u miżuri ta' kontroll għandhom jiġu implimentati fil-livell nazzjonali biex jiġi żgurat monitoraġġ effettiv tal-konformità mal-obbligi stipulati fid-Direttivi 2014/67/UE u 96/71/KE, dment li dawn ikunu ġustifikati u proporzjonati skont id-dritt tal-Unjoni.

Formola standard fil-livell Ewropew tirrappreżenta opportunità għall-kumpaniji biex jużaw għodda komuni. It-test propost lill-Kunsill illum jagħmilha ċara li ser jintuża mill-Istati Membri fuq bażi volontarja, u li r-rekwiżiti ta' informazzjoni stipulati fil-liġijiet nazzjonali għandhom jiġu riflessi fil-lista komuni ta' informazzjoni.

Peress li ninsabu partikolarment viġilanti fir-rigward tal-kwalità tal-postazzjoni u l-kundizzjonijiet li fihom qed jaħdmu l-ħaddiema ppostjati, aħna nibqgħu viġilanti rigward l-istadji li jmiss tan-negozjati biex ir-responsabbiltà tal-Istati Membri lejn l-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE ma tiġi mminata bl-ebda mod. Barra minn hekk, il-proċedura ta' kumitat għandha tkun ċara u allinjata mal-acquis tal-UE. Id-deċizzjoni tal-Istati Membri f'termini ta' rekwiżiti ta' informazzjoni li jippermettu kontrolli fattwali ma għandhiex tiġi pperikolata minn dan ir-regolament."

Dwar il-punt "B"
nru 10:

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2025-2027
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 292 TFUE)
Qbil politiku

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Il-pajjiż huwa u ser jibqa' ddedikat għall-impenji tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-ġlieda kontra l-fastidju fuq il-post tax-xogħol.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li skontha l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-"Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali relatati mal-kunċett ta' "ġeneru" li huma inkompatibbli mal-prinċipji fundamentali tal-Kostituzzjoni Bulgara. Fl-2021, il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tikkjarifika li l-kunċett ta' sess użat fil-Kostituzzjoni għandu jinftehem, fil-kuntest tal-ordni legali nazzjonali, fis-sens bijoloġiku tiegħu (irġiel u nisa) biss.

F'konformità mad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija hawn fuq, ir-Repubblika tal-Bulgarija tiddikjara li l-pajjiż ma jista' jaċċetta la l-kunċett ta' "ġeneru" u lanqas l-approċċ ibbażat fuq il-ġeneru tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa jew kwalunkwe dokument ieħor li jipprova jiddistingwi bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostrutt soċjali.

Il-Bulgarija taqbel mal-ħtieġa li tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka, fejn jista' jsir progress bl-implimentazzjoni tal-politika strutturali rilevanti taż-Żona Ewropea tar-Riċerka taħt il-Programm ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2025-2027. Madankollu, il-Bulgarija tixtieq tenfasizza li ser tinterpreta t-terminoloġija kollha relatata mal-ġeneru fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq strettament fil-qafas tal-kunċett binarju ta' sess. Barra minn hekk, it-terminu "approċċ intersezzjonali" ser jinftehem esklużivament fil-kuntest ta' raġunijiet diskriminatorji, rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fir-Rakkomandazzjoni dwar l-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2025-2027."